# Il-Ħadd 14.11.2021

1. Illum 14/11, **Jum il-Foqra**:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.

2. It-Tnejn 15/11:
   - Fis-7:30pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. L-Erbgħa 17/11 f'ċerimonja li tibda fis-7:00pm, u wara ħidma bla waqfien ta' manutenzjoni u rinovar ta' madwar 1 sena u 9 xhur, il-proprjetà tal-parroċċa tagħna magħrufa bħala l-MUSEUM l-antik fi Triq iż-Żurrieq, u li ġiet mikrija għal perjodu ta' 25 sena lid-Direttorat tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, ser tkun inawgurata bħala d-*'Dun Karm Lia' Dementia Day Centre* u *Night Shelter* u mbierka mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta. Grazzi lil kull min għen u ħadem biex dan ikun jista' jseħħ u biex jingħata dan is-servizz importanti.

4. Il-Ħamis 18/11:-
   - Fis-6:30pm sat-8:30pm - Laqgħa tal-Assemblea Djoċesana: *'Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed'*.

5. Il-Ħadd 21/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fil-5:00pm - Ċelebrazzjoni Djoċesana mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Bażilika ta' Kristu Re, Raħal Ġdid.

6. Avviżi oħra:-
   - Infakkar li l-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Direttorju b'informazzjoni u bl-attivitajiet parrokkjali għas-sena 2022. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet għad-Dħul ta' Tfal fl-Iskejjel tal-Knisja f'Settembru 2022, mingħand dawk li għandhom ħuthom diġà jattendu fi skola tal-Knisja, dawk li huma mpjegati fi skola tal-Knisja, u dawk li qegħdin fi skola primarja tal-Knisja li ma għandhiex sekondarja marbuta magħha, eċċ. Applikanti oħra, minn skejjel tal-Gvern u indipendenti, jkunu jistgħu japplikaw aktar 'il quddiem: f'Jannar u Frar. Informazzjoni oħra tinkiseb mill-istess Skejjel tal-Knisja u minn fuq il-website tal-Kurja: www.church.mt *(https://church.mt/archdiocese/church-schools/)*.

7. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Infakkru li l-Ħadd li ġej, 21/11, ser issir il-Mixja tal-President b'risq il-*Community Chest Fund*. Il-Kunsill jappella sabiex ningħaqdu lkoll flimkien f'din il-mixja ta' solidarjetà ta' madwar 30 minuta. Booking u aktar dettalji mill-Kunsill Lokali.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 175 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 395 mil-lotterija tal-hamper b'risq l-istess għan;
   - € 165 bħala donazzjonijiet b'risq l-istess għan;
   - € 220 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni taċ-Ċimiterju;
   - € 160 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes (Hekk ilħaqna total ta' € 965).
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.